**MINUTI**

**Laqgħa b'URĠENZA tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 61**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta 20 ta' Ġunju 2023 permezz ta' video conferencing.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku (online)
Daniel Ablett – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Doris Zammit – Kunsillier
Abigail Sammut – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Ralph Puli - Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
George Muscat - Kunsillier
Martina Grech - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ppresieda l-laqgħa.

**Assenti b'Apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li minħabba raġunijiet ta' xogħol l-Kunsilliera Ralph Puli, George Muscat u Martina Grech talbu li jkunu skużati.

61.1 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** fetaħ il-laqgħa billi nfurma lill-membri bis-sitwazzjoni tal-applikazzjoni għall-permess għall-bar fi Pjazza San Franġisk.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** staqsa jekk l-applikant għandux VAT Number, għaliex jekk m'għandux VAT number ma jistax ibiegħ prodotti.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** qal li l-Kunsill għandu jiddeċiedi li l-permessi għall-armar ta' mejda-bar għandhomx joħorġu biss lil dawk l-istabbilimenti li joperaw sena sħiħa u għandhom liċenzja tal-MTA.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** talab kjarifika dwar il-fatt li ħadd ma jista' jarma fi Triq il-Kbira/Pjazza San Franġisk, għajr l-imwejjed ta' Qubbajd. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fil-passat kienu jintramaw il-gabbani, iżda fuq talba tal-Kumitat Festi Esterni dawn il-gabbani ġew rilokati, aktar minn 15-il sena ilu.

**Il-Viċi Sindku Donnha Barbara** staqsiet li bl-istess argument tal-applikant, kull min ifettillu jarma fil-pjazza, jiġi għall-permess u jarma. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li f'każ li jinħareġ dan il-permess il-Kunsill ikun obbligat jagħti l-awtorizzazzjoni lil kull min jiġi jitlob il-permess.

Is-Sindku spjega li lilu kellmuh persuni oħra li riedu jarmaw bar fil-pjazza u kienu ċari li jekk jinħareġ permess lill-wieħed, huma kienu se jarmaw.

Il-Viċi Sindku Donnha Barbara talbet li jittieħed vot.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli qal li jekk il-Kunsill jagħti tali permessi se jispiċċaw b'aktar min iservi milli b'min jiġi servut.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li eżempju ċar huwa Pjazza San Ġorġ f'Għawdex, fejn minħabba l-barijiet u l-imwejjed u siġġijiet, l-Għaqda tal-Armar spiċċat ma tistax tarma l-armar.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ġibed l-attenzjoni li dan l-applikant se jiġi jħallas miżerja ta' permess u l-Kunsill se jispiċċa jagħmel tajjeb għall-iskart li jiġi ġġenerat minn din l-attivita'.

Għaldaqstant, fid-dawl ta' din id-diskussjoni s-Sindku Dr Josef Masini Vento ppropona kif ġej:

*Nipproponi li l-permess mitlub sabiex jarma fi Pjazza San Franġisk ma jingħatax u tinħareġ policy li tgħid li l-armar ta' mejda-bar sabiex jinbiegħ xorb alkoħoliku jingħata biss lil dawk l-istabbilimenti li għandhom liċenzja mill-MTA biex joperaw bħala BAR.*

Ivvutaw favur il-mozzjoni sitt (6) Kunsilliera preżenti, kunsillier wieħed (1) ivvota kontra. Ma kien hemm l-ebda astensjoni.

Il-mozzjoni għaddiet.

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fit-8.30p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 27 ta' Ġunju 2023 fis-6.30p.m.

Konfermati, illum, 3 ta' Lulju 2023.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ______________________ | ______________________ |
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |